MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 557/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**George Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-Socjeta' rikorrenti, fejn din ippremettiet illi:

Il-kawza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni Nru 1227/98 GV) giet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 1998, fl-istess kawza 'l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lil Maltacom p.l.c. is-somma ta' elf, mija disgha u tletin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (LM1,139.20), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 376285, bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-imsemmija somma ‘l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mija u ghoxrin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM120.41) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll seba’ mija, tlieta u disghin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM793.33), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-15 ta’ Lulju, 1998, id-data tas-sentenza, sal-5 t’April 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ elfejn, tnejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u disghin centezmi (LM2,052.94) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, l-intimat baqa’ ma pprezenta ebda twegiba.

Rat in-nota tas-socjeta’ rikorrenti fejn din ikkonfermat li, fil-mori ta’ dawk il-proceduri ma sar ebda hlas akkont ta’ dan id-debitu.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu mill-istess intimat George Vassallo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------